**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**Vs**
**Karak Mojahed**

**Illum 16 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Karak Mojahed**, ta' sbatax-il (17) sena, ta' nazzjonalità Eritrejana, iben Karak u Miriam, imwieled Om Hajjar Gashberka - Eritrea, fit-8 ta' Gunju 2005, prezentement bla indirizz fiss u detentur tan-Numru tal-Pulizija 21E-016, talli fil-15 ta' Novembru 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta 'qabel din id-data gewwa dawn il-Gżejjer:

1. Kellu f'idu Passaport mahrug minn Awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxa dan il-Passaport lil persuna ohra jew ircieva passaport li gie ittrasferit lilu minn persuna ohra u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta;
2. U aktar talli matul l-istess zmien ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, cioè dak diġà imsemmi, dan bi ksur ta 'l-Artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta;
3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta 'fatti foloz lill-Ufficjali Principali ta 'l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta ' Malta;
4. Uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport li hu kien gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil hin u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta ' Malta;
5. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokumenti ohra ffalsifikati, dan bi ksur ta 'l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta;
6. Minghajr awtorità legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta ' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta 'htija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta 'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (i) *Permesso di Soggiorno* falsifikat - Dok. "A"; (ii) Passaport mahrug mill-Awtoritajiet Sudanizi li ma jghajjatx lill-imputat - Dok. "B"; (iii) Stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "C";(iv) Biljett ta' l-ajru - Dok. "D"; (v) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "E"; (vi) *Personal details form* ta' l-imputat - Dok. "F".

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti avzatu bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga ' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga 'lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi talli fil-15 ta' Novembru 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta ' qabel din id-data gewwa dawn il-Gżejjer: (i) kellu f'idu Passaport mahrug minn Awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxa dan il-Passaport lil persuna ohra jew ircieva passaport li gie ittrasferit lilu minn persuna ohra u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta; (ii) u aktar talli matul l-istess zmien ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, cioè dak diġà imsemmi, dan bi ksur ta 'l-Artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta; (iii) u aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta 'fatti foloz lill-Ufficjali Principali ta 'l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta 'Malta; (iv) uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport li hu kien gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil hin u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta 'Malta; (v) ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokumenti ohra ffalsifikati, dan bi ksur ta 'l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta; (vi) minghajr awtorità legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta 'Malta.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta 'piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, li ghandu fedina penali netta, li kkopera mal-Pulizija u li huwa minuri.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta ' Malta, l-**Artikoli 31, 37(2) u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** l-Artikolu

32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta 'Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti qed ittenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta' sena (1) prigunerija effettiva.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni avvanzata ai termini ta' l-Artikolu l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**